



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

12171/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0175(NLE)

---

ECOFIN 867  
UEM 257

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta'...**

**dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovakkja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mis-Slovakkja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jevitaw deficiets eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finazi governattivi sodi u sostenibbli bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa li jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.

- (3) Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126 TFUE, kif iċċarata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97<sup>1</sup>, li tiffirma parti mill-PST, tipprevedi deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE, jistabbilixxi aktar dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009<sup>2</sup> jistipula regoli u definizzjonijiet iddettalġati għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264<sup>3</sup>, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97. Din id-deċiżjoni tikkonċerna biss l-eċċess tal-proporzjon tad-defiċit tal-gvern mal-prodott domestiku gross (PDG) fir-rigward tal-valur ta' referenza tat-TFUE ta' 3 % tal-PDG, f'konformità ma' dispożizzjonijiet legali eżistenti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi iċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi iċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1264/oj>).

- (4) L-Artikolu 126(5) TFUE jipprovdi li, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun jeżisti, jew li jista' jkun hemm, defiċit eċċessiv fi Stat Membru, hija għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat u tgħarraf lill-Kunsill kif xieraq. Wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha tad-19 ta' Ġunju 2024 adottat skont l-Artikolu 126(3) TFUE, u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Finanzjarju adottat skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv fis-Slovakkja. Fit-8 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni għaldaqstant indirizzat tali opinjoni lis-Slovakkja u infurmat lill-Kunsill kif xieraq.
- (5) L-Artikolu 126(6) TFUE jipprovdi li l-Kunsill għandu jikkunsidra kwalunkwe osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jesprimi qabel ma jieħu deċiżjoni wara stima kumplessiva dwar jekk ikunx jeżisti defiċit eċċessiv. Fil-każ tas-Slovakkja, l-istima kumplessiva twassal għall-konklużjonijiet stabbiliti hawn taħt.

- (6) Skont id-*data* vvalidata mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-22 ta' April 2024, id-defiċit tal-gvern ġenerali fis-Slovakkja laħaq 4,9 % tal-PDG fl-2023, u d-dejn tal-gvern estiż kien ta' 56,0 % tal-PDG. Il-Kummissjoni, fir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE qieset li l-eċċess tad-defiċit fuq il-valur referenzjarju tat-TFUE ta' 3 % tal-PDG fl-2023 mhux eċċezzjonali, peress li la jirriżulta minn avveniment mhux tas-soltu u lanqas minn reċessjoni ekonomika severa fis-sens tal-PST. L-eċċess fuq il-valur referenzjarju tat-TFUE wkoll mhux temporanju, ibbażat fuq it-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni, li pprojetat li d-defiċit tal-gvern estiż jibqa' 'l fuq minn 3 % tal-PDG fl-2024 u fl-2025. Kollox ma' kollox, id-defiċit fl-2023 kien 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-TFUE ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess la huwa meqjus bħala eċċezzjonali kif definit mit-TFUE u l-PST, u lanqas ma huwa meqjus temporanju. Għalhekk, il-kriterju tad-defiċit kif definit mit-TFUE u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 *prima facie* mhuwiex issodisfat.
- (7) Skont il-Programm ta' Stabbiltà Slovakk tal-2024, id-defiċit tal-gvern ġenerali huwa ppjanat li jilħaq 5,9 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa kkonfermat mit-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni, li jindika wkoll defiċit ta' 5,9 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-TFUE ta' 3 % tal-PDG. Iż-żieda fid-defiċit, jekk imqabbla mal-2023, tirrifletti prinċipalment kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti ta' appoġġ għall-prezz tal-enerġija u miżuri ġodda li jżidu n-nefqa bħal żieda permanenti fit-13-il pagament tal-pensjoni, żieda fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, il-ħolqien tal-Ministeru ġdid għat-Turiżmu u l-Isport, emenda għall-Att dwar l-Edukazzjoni li tintroduċi dritt legali għall-ammissjoni f'kindergarten għal tfal li għandhom aktar minn tlett snin u t-titjib tad-drittijiet tat-tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali, u l-introduzzjoni ta' kuntratti bbażati fuq il-prestazzjoni fl-universitajiet pubbliċi.

- (8) F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 126(3) TFUE, il-Kummissjoni analizzat ukoll il-fatturi rilevanti kollha fir-rapport tagħha skont dak l-Artikolu. Kif stabbilit fl-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, kull meta l-proporzjon tad-dejn tal-gvern apparagun tal-PDG ma jaqbiżx il-valur ta' referenza, għandhom jitqiesu l-fatturi rilevanti fil-passi li jwasslu għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. B'mod ġenerali, il-fatturi rilevanti eżaminati fir-rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE huma aggravanti. Il-kunsiderazzjoni ta' dawk il-fatturi rilevanti ma tbiddilx il-konklużjoni li l-kriterju tad-defiċit tat-TFUE mhux issodisfat.

- (9) Fid-dawl tal-iskadenza tal-20 ta' Settembru 2024 għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju, liema skadenza tista' tiġi estiża f'konformità mal-Artikolu 36(1), punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, b'mod indikattiv sal-15 ta' Ottubru 2024, li hija d-data għall-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, il-Kunsill jieħu nota li l-pass li jmiss fil-proċedura, jiġifieri r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, se jikkoinċidi mal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbilit fil-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju. L-iffaċilitar ta' tali konsistenza filwaqt li tiġi evitata lakuna fis-sorveljanza skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, jirrikjedi l-pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju jiġu ppreżentati fil-pront. Din l-iskeda ta' żmien jenħtieġ li tiġi kkunsidrata eċċezzjonali u marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk li ma toħloqx preċedent. Il-Kunsill jieħu nota wkoll li, fin-nuqqas ta' preżentazzjoni f'waqtha tal-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju, ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE se tikkunsidra t-trajettorja referenzjali trazzmessa mill-Kummissjoni lill-Istat Membru ddeterminata skont ir-Regolament (UE) 2024/1263,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

*Artikolu 1*

Minn stima kumplessiva jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv fis-Slovakkja minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fid-data ta' notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakkja.

Magħmul fi ...,...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*